MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2005

Rikors Numru. 882/2004

**Bank of Valletta Limited u b'digriet tas-7 t'Ottubru, 1998, l-isem gie mibdul ghal Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Philip Azzopardi u b'digriet tal-Qorti ta' l-14 ta' Lulju, 1997 giet kjamata in kawza Maria Dolores sive Lora Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mis-socjeta' attrici fil-15 ta' Novembru, 2004, li in forza tieghu, wara li ppremettiet illi:

Permezz ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-10 ta' Dicembru, 1998, fl-ismijiet premessi (Citazz. Numru 3415/96 FS) (Dok *"A"*), is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimati Philip u Lora Azzopardi

fis-somma ta’ sebgha u ghoxrin elf u tmienja u sebghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm27,078.78) kwantu ghal hamsa u ghoxrin elf, disa’ mija u sittin Liri Maltin u sitt centezmi (Lm25,960.06) *sorte* u kwantu ghal elf, mija u tmintax-il Liri Maltin u tnejn u sebghin centezmu (Lm1,118.72) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u markata Dok. *“B”*, flimkien ma’ l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sal-jum tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta s-sentenza fuq imsemmija setghet tigi ezegwita u d-debitu tal-konvenut ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti titlob umilment illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi s-sentenza ta’ din l-Onorabbli Qorti moghtija fl-10 ta’ Dicembru, 1998 fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta’ sebgha u ghoxrin elf u tmienja u sebghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm27,078.78) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mill-1 t’Ottubru, 1996 sad-data ta’ l-effettiv pagament kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-11 ta’ Jannar, 2005, fejn il-konvenut Philip Azzopardi, f’ismu proprju u ghan-nom ta’ martu, iddikjara li hu jaf li ghandu dejn mal-*bank* rikorrenti, u ddikjara li appik li jibda’ jaghmel pagamenti lill-istess *bank* rikorrenti;

Rat li t-talba ma gietx kontestata;

Semghet lill-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta illi b’sentenza ta’ din il-Qorti tal-10 ta’ Dicembru, 1998, il-konvenuti gew ikkundanati jhallsu lill-*Bank of Valletta Ltd* (illum *p.l.c.*) is-somma ta’ Lm25,960.06, *piu’* imghax u spejjes. Il-konvenuti intimati

baqghu ma hallsux dan id-dejn *nonostante* li issa ghadda dan iz-zmien kollu.  F’dawn il-proceduri l-intimat ammetta li d-dejn kien u ghadu pendenti.  Hu iddikjara, li kien sejjer jaghmel pagamenti akkont sabiex jibda’ jaqta’ dan id-dejn, izda rrizulta li, *nonostante* l-opportunitajiet moghtija lilu minn din il-Qorti, hu baqa’ ma ghamel ebda pagament akkont, tant li d-dejn originali baqa’ veljanti fl-interezza kollha tieghu.  L-intimati ma ressqu ebda opposizzjoni formali ghat-talba tal-*Bank* attur, u l-Qorti, wara li ezaminat l-atti tal-kawza, jirrizultala li t-talba attrici hi gustifikata.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjes ta’ dawn il-proceduri jithallsu kollha mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------